MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 287/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Micallef)

vs.

Luke Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 t'April, 2007, ghall-habta tal-5.00 p.m., fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, saq vettura nru. CAP 653 :
1. b'manjiera traskurata;
2. perikoluza;
3. u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Carmela Fabri, skond kif iccertifikat Dr. Caroline Griscti M.D ta' S.L.H;

4. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru. HAB-821 u nvolontarjament ikkagunalha hsara ghad-dannu ta’ George Fabri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikoli 328 u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha w ikkundannatu ghal multa ta’ mitt lira Maltija (LM100) u skwalifikatu milli jkollu u/jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement l-appellant jigi ddikjarat mhux hati w liberat minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-
1. l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza unikament fuq il-kunsiderazzjoni ta' kredibilita’ billi rrizultalha li l-*brake marks* li jidhru fl-isketch jindikaw *speed* oghola minn dak dikjarat mill-appellant;
2. dan mhux kaz ta' kredibilita’ izda ta' determinazzjoni tar-responsabilita’ a bazi tal-fatti w rizultanzi akkwisiti. Dan hu kaz ta'’ “res ipsa loquitur”. Il-lokalita’ tal-incident, t-topografija tat-toroq, l-ispot of impact f’nofs it-triq, d-daqqiet u l-hsarat fil-vetturi rispettivi, huma l-konsiderazzjoni rilevanti w necessarji biex wiehed jasal ghal konkluzjoni korretta dwar ir-responsabbilta’ tal-incident;
3. hu principju assodat fil-gurisprudenza taghna li l-ligi timponi grad ta’ dilingenza akbar fuq is-*side road user*, mill-*main road user*;

4. hemm diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna li jittrataw sitwazzjoni simili dal din in ezami.
5. Dwar il-piena nflitta fuq l-appellant, jixraq li jigi relevat li din fic-cirkostanzi partikolari ghal kaz, ma kienitx indikata, w taggrava lill-appellant ingustament. Mill-provi, rrizulta li l-appellant ghandu mpjieg fil-Lukanda Le Meridien, f'San Giljan, il-hinijiet tax-xoghol huma rregolari, gieli jkollu xoghol sa tard bil-lejl u ghalhekk sospensjoni mill-licenzji tas-sewqan ghall-tlett xhur, tikkostitwixxi punizzjoni esagerata li tista' tippregudika l-impjieg tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' George Fabri, Maria Carmela Fabri, Christian Tonna w tal-appellant innifsu fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat go Eucharistic Congress Road, Mosta fl-inkroicju ma triq laterali sekondarja li tittraversha. Hemm ma hemmx dubju li Eucharistic Congress Road hija l-*main road* fil-konfront tat-triq laterali . Iz-zewg toroq huma f' livell wiehed u fil-wita' u huma miksija bil-hot asphalt u ghandhom superficje tajba hafna. L-appellant kien qed isuq fuq il-*main road* sejjer lejn il-knisja parrokkjali tal-Mosta mentri s-sewwieq l-iehor kien qed jaqsam l-istess triq traversalment mill-lemin ghax-xellug tal-appellant. Jidher li l-habta grat fuq in-naha tal-karregjata li tiehu traffiku lejn il-Knisja tal-Mosta minn nofs it-triq il gewwa, bil-pinna ta' quddiem tal-lemin tal-car tal-appellant tahbat mall-pinna ta' quddiem tax-xellug tal-car msjuqa mis-*side road user*. Bil-habta din tal-ahhar daret cirka disghin grad lejn il-lemin taghha w spiccat kif tidher fl-sketch esebit. Wara l-vettura tal-appellat instabu *brake marks* fid-dritt twal  CHECK metru. L-appellant gie akkuzat b' sewqan perikoluz, traskurat u b' offizi ta' natura hafifa involontarji w danni involontarji.

Il-principji ta' dritt li jirregolaw incidenti stradali ta' dan it-tip huma s-segwenti:-

Li, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59]; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-ligi in*

*tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. James Abela**" [11.7.2002] fejn din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] "il-fatti – inkluzi il-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*" . These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Din il-Qorti proprju ghamlet dawn il-"*presumptions of fact"* li johorgu mid-dinamika tal-incident.
Speed jista' jigi dedott mit-tul tal-brake marks . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer"** Vol. XL. iv. p.1282). Skond tavola sinottika annessa mall-Malta Highway Code, (p. 56) brake marks twal 24 metru huma indikattivi ta' speed ta' mhux inqas minn 60 kfs. Ovvjament f' dan il-kaz il-brake marks li nstabu wara l-vettura tal-appellant, li kienu itwal minn hekk, jindikaw speed addirittura oghola minn hekk u cioe' allura speed oghola minn dak permissibbli ta' 50 kfs. ghall-vettura misjuqa mill-appellant f' zona urbana bhal ma hu c-centru tal-Mosta.

Illi gie ukoll ritenut li speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. (Appell Krim. **"Il-Pulizija vs. R. Bugeja**" [30.6.1962] .

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant jargumenta li l-htija tal-kollizzjoni pero' kienet unikament tad-driver l-iehor li hareg minn fuq STOP SIGN ghal fuq triq principali, bla ma biss ra l-car tieghu riesqa lejh qabel il-habta. Li d-driver l-iehor kien responsabbli ghall-incident hu ovvju ghax baqa' hiereg sa nofs it-triq u jidher li ma kienx esplora tajjeb it-triq principali qabel ghamel dan u li ma kienx qed *izomm "a proper lokout"*. Illi gie ritenut li hu dover ta' driver "*to see*

*what is in plain view*" (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Vella** , [10.8.1963] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara ifisser li ma jkunx qed izomm "*a proper lookout"* (App. Krim. **Il-Pulizija vs. J.M. Laferla** , [17.6.1961]. Is-"*side road user*" ghandu dritt li jaqsam gol-"*main road"* meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera (App. Krim**. Pul. vs. Nazzareno Borg** , [12.11.60] u "*side road user*" irid jidhol go "*main road"* bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux . (App. Krim. **Pul. vs. Giuseppe Galdes** Vol. XXXVII , p.1108)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :

*"Ghalkemm il-main road user ghandu dritt aqwa mis-side road user u ghandu ragjonevolment jistenna li t-triq tieghu ma tkunx ostakolata, b' daqshekk hu mhux ezonerat ghal kollox milli anki hu jiehu l-prekawzjonijiet tas-sewqan prudenti."* (App. Krim. **"Pul. Vs. Salvu Tanti** , Kollez. Vol. XL. iv. p.1225)

B' dana kollu gie dejjem ritenut minn din il-Qorti li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut **<u>unikament</u>** u **<u>eskluzivament</u>** ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor (App. Krim. **Pul. vs. Gaetano Schembri** , [16.3.61] ; **Pul vs. John Polidano** , [3.11.63] ; **Pul. vs. Rev. C. Mifsud** Vol. XXXVII , p. 1131 u ohrajn.) Il-"*contributory negligence "* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. **Pul vs. P. Vassallo** Vol XXXVIII , p. 883,)

Illi l-appellant donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-"*sudden emergency*" . Issa pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera.** [13.12.68] : -

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Issa hu ovvju li bil-fatt li l-appellant kien ghaddej bi speed in eccess ghal dak regolamentari ghall-lokalita' hu ma

kienx fi grad li jieqaf meta ra l-car l-ohra qed taqsam it-triq traversalment quddiemu, haga li zgur kien jaghmel kieku kien qed isuq bl-speed entro dak regolamentari.

Hu risaput li mat-tul tal-*brake marks* li halliet warajha l-vettura tal-appellant, wiehed irid ukoll izid it-*thinking distance* li f' dan il-kaz skond l-istess tavola sinottika fuq citata kienet wahda zgur ta' mhux inqas minn tnax il-metru iehor mizjuda mat-tul tal-*braking distance* u dan biex wiehed ikun konservattiv. Inoltre jigi rilevat li l-car tal-appellant ma waqfitx biss bl-operat tal-brakes imma ukoll wara urt frontali mal-vettura l-ohra li kien qawwi bizzejjed biex sposta l-vettura l-ohra lateralment kwazi b' 90 grad. Konsegwentement zgur li bl-speed eccessiv tieghu l-appellant gie li ppriva lilu nnifsu mill-opportunita' li jieqaf hu ukoll entro d-distanza li seta' jieqaf fiha, li kieku kien isuq entro l-velocita' regolamentari. Ghalhekk l-appellant gie pogga lilu innifsu taht dik li *in subiecta materia* tissejjah "*a self inflicted incapacity*" li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tas-sewqan hazin ta' haddiehor.

Illi ghalkemm f' dan il-kaz, bil-mod kif is-sewwieq l-iehor hareg minn triq sekondarja ghal fuq Eucharistic Congress Road, il-Mosta li kienet indubbjament il-major road fil-konfront tat-triq li kien hiereg minnha hu, kif anki hu konfermat mill-STOP SIGN , kien zgur jikkostitwixxi sewqan hazin u traskurat, u seta' jirrendih in parte responsabbli ghal dak li gara, xorta wahda l-appellant - fid-dawl ta' dak li intqal fuq - jibqa' responsabbli kriminalment.

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm fl-eccess tal-velocita' din il-Qorti ma tirravizax dak il-grad ta' sewqan hazin li skond il-gradwatorja jammonta ghal sewqan perikoluz, tara li dan zgur jammonta ghal sewqan b' maniera traskurata.

Peress illi mill-provi mismugha jirrizulta illi ghalkemm l-appellant kien ghaddej minn fuq il-"*major road*" u l-vettura l-ohra kienet qed taqsam l-istess triq traversalment fejn kien hemm *"stop sign"* u ghalhekk indubbjament kellha

taghti l-precedenza lill-vettura tal-appellant u ghalkemm certament jidher illi s-sewwieq tal-vettura l-ohra kkontribwixxa mhux bi ftit ghall-incident in ezami, pero' l-*"contributory negligence"* tal-parti l-ohra ma tizonorax lill-appellant jekk dan ma jkunx l-unika kawza tas-sinistru. F'dan il-kaz jidher illi minkejja li l-appellant kellu d-dritta ghax kien ghaddej fuq il-"*major road*", huwa kien qed isuq bi speed in eccess ghall-velocita' regolamentari kif jirrizulta mill-"*brake marks"* li halliet warajha l-vettura tieghu li kienu twal iktar minn tmenin pied u li oltre dawn il-"brake marks" il-karozza kien fadalla forza bizzejjed biex taghti daqqa lill-vettura l-ohra w iddawwaraha b'angolu ta' disghin grad. Dana allura jissuggerixxi illi l-eccess ta' "speed" li kellu l-"**main road user**" kien fattur determinanti ukoll fl-incident in ezami. B' dan l-appellant sar dak li njissejjah *" main road abuser".*

Ghar-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, l-fatt illi kien hemm il-kontributorjeta' tad-driver tal-karozza l-ohra jista' jiswa biss ghall-fini tal-piena, pero' xorta wahda l-htija tal-appellant tissussisti jekk jirrizulta li xi nuqqas fis-sewqan tieghu b' mod determinanti ikkontribwixxa wkoll ghall-incident in ezami, kif indubbjament kien il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta' sewqan b'manjiera perikoluza, w tilliberah minn din l-imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghall-multa ta' mitt lira Maltin u ordnat li jigi skwalifikat mill-licenzjoni tieghu tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur u tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' sewqan b'manjiera traskurata w cioe' tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll fejn sabitu hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet, b'dana illi din l-imputazzjoni hija assorbita fit-tielet u fir-raba' imputazzjoni t'offizi ta' natura hafifa involontarji w ta' danni involontarji fuq il-vettura HAB-821 ghad-dannu ta' George Fabri w minnflok tikkundanna lill-appellant ghal hamsin lira multa w tmint ijiem sospensjoni mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, li ghandhom jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------